# Konnessjonijiet bejn Malta u l-Bulgarija

**Raymond Miceli**

Ilbieraħ, 3 ta' Marzu, il-Bulgarija fakkret il-jum nazzjonali tagħha. Għal din l-okkażjoni ħejjejna dan is-servizz speċjali li se jkompli wkoll fil-gazzetta ta' għada. It-3 ta' Marzu għall-Bulgarija hu Jum il-Ħelsien, jew aħjar meta fl-1878 permezz tat-Trattat ta' San Stefano, villaġġ fil-Punent ta' Kostantinopli, wara l-gwerra Russo-Torka, twaqqaf bħala stat sovran il-Bulgarija. L-Imperu Ottoman kellu jagħti lura lill-Bulgarija ħafna mill-artijiet li kienu ilhom f'idejn dan l-imperu sa mis-seklu 14. Minkejja li t-3 ta' Marzu mal-ewwel bdiet tkun ikkunsidrata bħala jum ta' festa kellhom jgħaddu 90 sena, sal-1978 biex din intgħażlet bħala jum nazzjonali u aċċettata bħala btala pubblika b'digriet fl-1990.

Għal xi żmien il-jum nazzjonali tal-Bulgarija kien dak tas-6 ta' Settembru, Jum l-Għaqda, li jirreferi għal meta fl-1885 ma' dik li kienet l-Bulgarija dak iż-żmien ingħaqdet l-art magħrufa bħala Eastern Rumelia.

Ta' min isemmi li l-Bulgarija kellha storja pjuttost imqallba, u tissemma għall-ewwwel darba bħala stat sovran lura fis-sena 681, meta twaqqaf dak li llum jirreferu għalih bħala l-ewwel Imperu Bulgaru. Dan l-imperu kien dam sal-1018, meta spiċċa ddominat mill-Imperu Biżantin.



L-iffirmar tat-Trattat ta' San Stefano. Il-jum nazzjonali attwali tal-Bulgarija hu marbut ma' dan l-avveniment

Malta ilha stat sovran sa millkisba tal-Indipendenza mir-Renju Unit fil-21 ta' Settembru 1964. Il-Bulgarija ilha aktar, anki jekk l-indipendenza tagħha mhux dejjem kienet waħda effettiva, fost oħrajn minħabba dominanza mill-blokk Sovjetiku Komunista. Illum kemm Malta u l-Bulgarija huma membri tal-Unjoni Ewropea, b'Malta daħlet b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 u l-Bulgarija ftit wara, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007. Dan anki jekk kien hemm żmien li t-trattativi għad-dħul kemm ta' Malta u tal-Bulgarija kienu għaddejja fl-istess żmien.

Madankollu riferenzi għal Malta u l-Bulgarija in komuni, jmorru ferm aktar lura. L-ewwel riferenza li sibt ta' Bulgari f'Malta ma kenitx xi waħda feliċi wisq. Din tmur lura għall-1806, fl-ewwel snin ta' Malta taħt l-Ingliżi.

Ċertu wieħed Montjoie, li kien jgħid li hu l-Ġermaniz Konti Froberg (1768-1812), fl-1803 kien talab permess mingħand is-Segretarju tal-Gwerra Ingliż biex jagħmilha ta' aġent u jiġbor reġiment magħmul minn persuni mill-Ewropa biex jifforma reġiment li jagħti s-servizzi tiegħu f'Malta. Biex isib rekluti, dan mar l-Albanija u fil-partijiet tal-Imperu Ottoman fejn hemm l-Insara. Dan Froberg xejn ma kien persuna ta' min jorbot fuqu. B'qerq u ingann kien irnexxilu jirrekluta xejn anqas minn 513 suldat, fosthom numru ta' Bulgari.

Dawn waslu Malta fil-11 ta' April 1806 u tpoġġew fil-Forti Rikażli. Biss fl-4 ta' April tas-sena ta' wara, xebgħana millkundizzjonijiet xejn tajbin li kellhom meta kienu mwegħda ferm aħjar, dawn irvellaw u ħadu l-forti f'idejhom. Talbu li jingħataw ikel u jitħallew jitilqu lura lejn pajjiżhom, inkella jisplodu l-porvlista tal-Forti. Il-Kummissarju Ċivili Alexander Ball ma ċediex għar-rikatt tagħhom. Damu b'kollox jikkupaw il-Forti sat-12 ta' April u eventwalment daħlu suldati minn reġimenti oħra għalihom u kellhom iċedu bil-forza. Għaddew qorti marzjali u ħafna minnhom inqatlu.

### Bulgaru jmexxi rewwixta

Il-kap tar-rewwixta kien il-Bulgaru Caro Mitro. Meta daħlu għalihom, dan kien irnexxilu jaħrab, iżda nqabad fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' April f'Qalet Marku qrib Baħar iċ-Ċagħaq. Lil Mitro għallquh fis-26 tax-xahar stess fis-2.30pm.

Il-Bulgarija bdiet ir-relazzjonijiet diplomatiċi tagħha ma' Malta fl-10 ta' Settembru 1971, blewwel ambaxxatur ippreżenta l-kredenzjali tiegħu sebat ijiem wara. Għal diversi snin Malta kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ambaxxata tal-Bulgarija ta' Via Pietro Paolo Rubens f'Ruma. Madankollu fl-1983 kienet anki fetħet ambaxxata hawn Malta, għall-ewwel kienet taħdem mill-indirizz c/o Sitka Court, Qui-Si-Sana f'Tas-Sliema u mbagħad mill-1985 minn Villa Serpica (li qabel kienet Villa Wardija) fi Triq il-Mensija, The Gardens, San Ġiljan. Iżda minħabba problemi ta' finanzi din għalqet għal nofs is-sena 1990 u Malta reġgħet saret taħt l-Ambaxxata Bulgara ta' Ruma. Intant f'Malta hawn Konsolat Onorarju tal-Bulgarija li hu fi Triq l-Ifran, il-Belt bil-konslu tkun l-Avukat Giannella de Marco.

Ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi bdew joktru fis-snin 70. Madankollu mhux l-ewwel darba li saret kritika li mhux kollox ward u żahar bħalma ried jagħti l-impressjoni l-Gvern ta' Mintoff.

Pereżempju kien intqal fl-1972 li l-Bulgarija se tibda tibgħat bejn għaxar u ħmistax-il vapur kull sena biex jissewwew fit-Tarzna. Madankollu minn Mistoqsija Parlamentari li kien għamel Michael Falzon (PN) u li twieġbet mill-Prim Ministru Karmenu Mifsud Bonnici fl-1 ta' Ottubru 1985, irriżulta li mill-1972 sa dik id-data kienu daħlu f'portijiet Maltin 87 bastiment Bulgaru, madankollu kienu disa' biss li ddaħlu fit-Tarzna biex isir xi xogħol fuqhom.

### Il-qasam kulturali

Jekk f'dak li hu kummerċ, forsi l-ftehim mhux dejjem inżammu, mhux l-istess jista' jingħad għall-qasam kulturali. F'dan ir-rigward kien ġie iffirmat ftehim fil-11 ta' Awwissu 1980 u minnufih il-frott beda jinħass. Fis-sentejn ta' wara saru staġuni operistiċi fit-Teatru Manoel millkumpanija tal-opra ta' Sofia. Kantanti Bulgari bdew jiġu jieħdu sehem f'Festivals hawn Malta filwaqt li kantanti Maltin bdew imorru regolarment il-Bulgarija *(ara wkoll fil-paġni ta' għada)*. Anki fuq livell ta' tfal, pereżempju f'Lulju 1985 għaxart itfal kienu ntbagħtu jieħdu sehem fl-assemblea tat-tfal minn maddinja kollha bl-isem 'Banner of Peace' li saret f'Sofia.

### Il-futbol

Fl-21 ta' Diċembru 1975 fl-Empire Stadium tal-Gżira kien hemm partita bejn it-tim nazzjonali Malti u dak tal-Bulgarija li spiċċat b'telfa għal Malta ta' 2-0. Malta u l-Bulgarija fil-futbol kellhom konfronti diversi drabi, u fil-fatt lagħbu 14-il darba. Riżultat li jista' jitqies bħala pożittiv għal Malta hu dak miksub f'partita ta' kwalifikazzjoni ta' Group H tal-kampjonat Ewropew meta f'nofs Novembru 2014 Malta kisbet draw fil-logħba away f'Sofia. Ir-riżultat kien ta' 1-1 bil-gowl Malti jiskurjah Clayton Failla. Il-partita ta' ritorn, li saret f'Ġunju tas-sena ta' wara, intrebħet mill-Bulgarija 0-1.

F'Settembru 1978 sar il-Kungress tal-Assoċjazzjoni Universali tal-Esperanto f'Varna, il-Bulgarija. Kien propju waqt dan il-kungress li s-Soċjetà Maltija tal-Esperanto ġiet aċċettata bħala membru fl-Assoċjazzjoni. Is-Soċjetà Maltija kienet ilha mwaqqfa mill-1961.

Fit-2 ta' Marzu 1979 kien iffirmat ftehim għall-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi għal perjodu fit-tul. Fit-21 ta' Mejju tas-sena ta' wara f'Sofia kien iffirmat ftehim ta' koperazzjoni bejn Malta u l-Bulgarija fis-settur tas-saħħa.

### L-unur Stara Planina

Lejn tmiem Novembru 1980 saret ġimgħa kulturali Bulgara f'Malta, u fil-bidu ta' Diċembru l-Ministru Agatha Barbara marret Sofia fejn attendiet għal konferenza internazzjonali dwar il-kultura organizzata mill-Unesco flimkien mal-Kumitat Kulturali Bulgaru. Intant f'Marzu 1983, meta Barbara kienet laħqet saret President ta' Malta, il-Bulgarija onorata bl-iStara Planina, unur li aktar tard meta huma wkoll kienu Presidenti, lil Guido de Marco, lil George Abela u lil Marie-Louise Coleiro Preca. Min-naħa l-oħra, Malta f'Marzu 2001 ħatret lill-President tal-Bulgarija Peter Stoyanov membru onorarju tal-Ordni tal-Mertu.

Żjajjar statali, kemm ta' persuni b'karigi għolja Bulgari f'Malta, kif ukoll ta' Maltin fil-Bulgarija saru bosta. Waħda partikulari, dik li saret f'Marzu 2001 mill-President Guido de Marco u mill-Ministru għall-Edukazzjoni Louis Galea, kienet kemxejn sfortunata għall-fatt li fi triqithom lejn Sofia, kienu involuti f'inċident tat-traffiku serju. Fih kien miet Bulgaru filwaqt li l-fotografu Malti tad-DOI Lino Arrigo Azzopardi safa

għal paġna 17



Forti Rikażli li nbniet bejn l-1670 u l-1698 u hi waħda mill-akbar fortizzi f'Malta. Ftit aktar minn mitt sena wara, fil-bidu tas-seklu 19, jidher li għamlu żmien jgħixu hemm l-ewwel Bulgari li nafu li kienu hawn Malta

# L-investiment Malti fil-Bulgarija hu ta' €300 miljun

minn paġna 16

ferut. Kien hemm sitta oħra li sfaw feruti. Il-fotografu kien inġieb lura Malta b'ajruplan attrezzat apposta biex iservi wkoll bħala sptar.



L-ewwel ambaxxatur tal-Bulgarija għal Malta jippreżenta l-kredenzjali tiegħu lil Sir Anthony Mamo fis-17 ta' Settembru 1971

## Programm dwar Malta fuq televijoni Bulgaru

Fit-28 ta' Settembru 1989, fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Indipendenza ta' Malta, fuq Channel 1, stazzjon televiżiv fil-Bulgarija, intwera programm ta' kważi siegħa dwar Malta li kien ġie iffilmjat hawn u ppreżentat minn Ruth Amaira u l-kummentatriċi Bulgara Vesselina Alexandrova, li kienet ġiet Malta xi ġimgħat qabel.

Mhux l-ewwel darba li jkun hawn attivitajiet li b'xi mod jew ieħor jinvolvu l-Bulgarija. Pereżempju attività ħelwa kienet dik li saret fl-10 ta' Novembru 2006 meta fl-okkażjoni tal-Jum Ewropew tal-Lingwi fl-Iskola Primarja Ġużè Bonnici ta' Tas-Sliema, fost oħrajn studenti tal-ewwel sena kantaw bil-Bulgaru. Fl-iskola kien hemm 24 student barrani, b'uħud minnhom mill-Bulgarija. Hekk kif tul is-snin il-komunitajiet barranin f'Malta komplew jikbru, avvenimenti bħal dawn saru aktar komuni. L-aktar każ klassiku hu dak tal-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar, fejn hemm studenti minn 55 nazzjonalità differenti, fosthom ma jonqsux il-Bulgari.

Minn Mistoqsija Parlamentari li saret minn Carmelo Mifsud Bonnici (PN) u li twieġbet mill-Ministru Evarist Bartolo fit-28 ta' Marzu 2017, jirriżulta li sal-aħħar ta' Settembru 2016, minn persuni mill-Unjoni Ewropea li kellhom permess jaħdmu f'Malta, 2,187 (jew 8.7 fil-mija) kienu mill-Bulgarija. L-uniċi nazzjonijiet tal-UE li minnhom kien hawn aktar ħaddiema milli Bulgari jaħdmu f'Malta kienu l-Italja u r-Renju Unit.

## Kummerċ

Bil-komunità Bulgara f'Malta qegħda dejjem tikber, bdew jinbtu wkoll ħwienet li isimhom biss jindika li huma ta' xi Bulgaru. Hekk insibu li f'Tas-Sliema u f'Buġibba hemm Bulgarian Food Store, filwaqt li f'San Ġiljan insibu l-Bulgaria and Local Confectionery. Insibu wkoll Maltin li investew fil-Bulgarija. Waħda minn dawn hi l-aġenzija tal-proprjetà Dhalia li fl-2005 fetħet l-ewwel fergħa tagħha barra minn Malta, f'Sofia u eventwalment fetħet oħrajn. Barra minn hekk din l-istess kumpanija għandha lukanda ta' erba' stilel fil-Bulgarija.

Waqt żjara statali li għamlet il-President Marie Louise Coleiro Preca fi Frar 2018, li magħha kien hemm ukoll xi Ministri, telgħu wkoll madwar 50 negozjant Malti bl-iskop li jibnu relazzjonijiet kummerċjali aktar mill-qrib. F'diskors li sar mill-Ambaxxatur Marin Raykov ftit qabel temm l-inkarigu tiegħu fl-2018, hu qal li l-investiment Malti fil-Bulgarija jammonta għal €300 miljun. Ta' min isemmi li €15-il miljun minn dan l-investiment hu dak tad-Dhalia biss. L-ammont ta' prodotti li jkunu impurtati f'Malta mill-Bulgarija wkoll kiber qatigħ u għall-2015 iċ-ċifra kienet ta' €12.4 miljun.



Simeon II tal-Bulgarija meta żar lill-President Eddie Fenech Adami f'Jannar tal-2008

## Il-Maltin qed imorru aktar il-Bulgarija

Setturi li huma meqjusa bħala importanti huma dawk tat-turiżmu, kemm ta' Bulgari f'Malta (li mhux dejjem faċli li jkun kwantifikat minħabba li t-tnejn issa fl-Unjoni Ewropea u hemm il-moviment ħieles) u anki dak tal-adozzjoni ta' trabi mill-Bulgarija minn Maltin. Minn statistika li għadha kif ħarġet mill-NSO ta' Malta x-xahar li għadda jidher li l-għadd ta' Maltin li marru lejn il-Bulgarija fl-aħħar tliet snin sħaħ kienu 8,273 fl-2017, 8,514 fl-2018 u 9,521 fl-2019. Dan ifisser li, filwaqt li mill-2017 għall-2018 kien hemm żieda ta' 3 fil-mija, mill-2018 għall-2019 iż-żieda kienet ta' 12 fil-mija. Iċ-ċifra tal-2014 kienet ta' 4,279, jiġifieri f'ħames snin in-numru ta' Maltin li jmorru l-Bulgarija aktar minn irdoppja.

Rigward l-adozzjonijiet, il-liġi tal-Bulgarija tispeċifika li qabel tifel jew tifla jinghataw għall-adozzjoni għal barra l-pajjiż, dawn ikunu jridu ġew rifjutati minn tliet familji Bulgari stess. Barra minn hekk biex persuna tkun eliġibbli tadotta mill-Bulgarija trid tkun tal-anqas 15-il sena akbar mit-tifel jew tifla u mhux aktar minn 45 sena akbar.

## Skola finanzjata mill-Bulgarija

F'Malta hawn il-*Bulgarian Sunday School 'St Cyril and Methodius'* li hi *finanzjata* mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-Bulgarija u kienet inawgurata fit-30 ta' Ottubru 2015. Din l-iskola tgħallem il-lingwa u l-kultura Bulgara u kienet immirata għal tfal Bulgari li jgħixu hawn Malta. Eventwalment bdiet tilqa' wkoll studenti Maltin li jkunu interessati jagħmlu għarfien akbar ta' dak kollu li hu Bulgaru. Anki minħabba l-isem tal-iskola, ta' kull sena titfakkar il-festa ta' San Ċirillu u San Metodju, li skont il-kalendarju Ortodoss ssir fil-11 ta'Mejju, aħwa li kienu missjunarji li daħħlu l-Kristjaneżmu fil-Bulgarija. Imexxi din l-iskola Valcho Stoychev Valchev, filwaqt li fost l-għalliema għad hemm jew kien hemm Asenka Bogdanova-Manova, Yordanka Chakarova, Gergana Kostova u Lidia Kortova, li lkoll jgħixu Malta.

## Traffikar tal-persuni

Teżisti wkoll il-problema ta' traffikar tal-persuni, fil-maġġoranza tal-każi jkunu nisa, u li normalment jispiċċaw fil-prostituzzjoni. Dan is-suġġett mhux xi ħaġa tal-lum biss u fil-fatt għall-aħħar ta' Marzu 2006 waqt taħditiet li saru bejn id-Deputat Prim Ministru tal-Bulgarija li kien ukoll Ministru għall-Affarijiet Barranin, Ivailo Georgiev Kalfin, u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Malti Michael Frendo, fost oħrajn kienet issemmiet koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi biex tkun miġġielda din il-pjaga. Madankollu, studju li sar mill-Università ta' Malta sena u nofs ilu, wera li fost dawk affetwati fi traffikar ta' persuni f'Malta, wieħed għadu jsib numru ta' Bulgari.

## Persuni b'konnessjoni maż-żewġ pajjiżi

**ANGELAKOVA, CHRISTINA (1944-2018):** Mezzosopran Bulgara. Fl-1 ta' Settembru 1981 kantat, flimkien ma' Kaludi Kaludov, f'kunċert operistiku li sar f'Misraħ San Pawl, l-Imdina biex ifakkar l-1300 sena mit-twaqqif tal-istat Bulgaru.

**ANGELOV, MARIO (t. 1971):** Pjanist Bulgaru. Sa minn nofs it-tmeninijiet tas-seklu li għadda, rebaħ għadd ta' premjijiet prestiġjużi, Kien il-pjanist residenti tal-Bulgarian National Radio. Fil-21 ta' Lulju 2004 fil-Port il-Kbir, il-Belt daqq mużika romantika waqt kunċert li sar bħala parti minn Stradivari Season.

**ATANASSOV, GEORGE (m. 2010):** Kaptan tal-ajru Bulgaru li aktar tard kiseb ukoll iċ-ċittadinanza Maltija. Għal numru ta' snin kien ir-rappreżentant tal-Balkan Bulgarian Airlines, kumpanija tal-istat Bulgaru li waqfet teżisti fl-2002, f'Malta. Għal xi żmien kien ukoll responsabbli mit-tmexxija għal Malta Air Charter tal-heliport mnejn kien isir is-servizz bil-helicopter minn Malta għal Għawdex. Meta rtira, baqa' jgħix Malta u żżewweġ lill-ekssegretarja tiegħu, Georgina Galea. Ħadem sfieq biex jippromwovi l-kultura u l-isportivi Bulgari f'Malta. Għen fit-trattativi biex footballers Bulgari jiġu jilagħbu ma' timijiet Maltin.

**BAREVA, RUMIANA (t. 1945):** Sopran Bulgara. F'Novembru 1981 fit-Teatru Manoel interpretat il-karattru ta' Violetta fl-opra 'La Traviata'.

**BIANCO, LINO (t. 1965):** Perit, akkedemiku u diplomtiku. Sal-2018 ambaxxatur ta' Malta għall-Bulgarija u r-Rumanija. Fl-2012 waqt il-World Triennial of Architecture li sar f'Sofia, il-Bulgarija nħatar Professur tal-International Academy of Architecture.

**BINEV, IOVO:** Pittur Bulgaru. Ġieli kien f'Malta u anki pinġa xeni li juru lil Malta.

**BOGDANOVICH, DANIEL (t. 1980):** Footballer Malti mwieled il-Libja. F'Awwissu 2008 iffirma kuntratt ta' sentejn mal-klabb Bulgaru Lokomotiv Sofia.

**BOKOVA, IRINA GEOGHIEVA (t. 1952):** Politika Bulgara u Direttur Ġenerali tal-Unesco minn Novembru 2009. Għal xi żmien kienet ukoll ambaxxatriċi. Fl-24 ta' Ottubru 2016 kienet f'Malta u għamlet żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca.

**BONDIN, RAY (t. 1956):** L-Ambaxxatur attwali ta' Malta għall-Bulgarija. Inħatar f'Ottubru 2018.

**BORDJIEVA, ROSSITZA (t. 1954):** Kantanta Bulgara. F' Marzu 1983 kienet Malta biex tieħu sehem fit-tielet edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija li sar f'Dar il-Mediterran.

**Jissokta fil-ħarġa ta' għada**